# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 29 ta' April 2019

## Talba Numru 217/2018SFJ

***MANUEL SCERRI (332489M) U RAISA FARRUGIA (361993M)***
***vs.***
***ANTHONY CUTAJAR (518270M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallashom is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000.00), ammont dovut wara li l-konvenut ammetta u ġie misjub ħati ta' serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa residenza għad-detriment tal-atturi u dan skont sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 8 ta' Jannar 2018 (Maġistrat Dr C. Stafrace Zammit).

Ra li l-ammont kien jeċċedi s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000.00) iżda l-atturi illimitaw it-talba tagħhom għal ħamest elef Ewro (€5,000.00) u dan sabiex it-talba taqa' fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal. Intalab ukoll li l-konvenut iħallashom l-imgħax legali u l-ispejjeż.

Ra li l-konvenut, għalkemm ma kienx innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, deher għas-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 u nonostante li fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 it-Tribunal spjegalu d-dritt tiegħu li jippreżenta risposta u li jkun assistit fil-kawża u l-konsegwenzi jekk jonqos li jagħmel dan, huwa baqa' ma ppreżentax risposta.

Ra d-dokumenti ippreżentati mill-atturi fis-27 ta' Novembru 2018 li huma affidavit ta' Manuel Scerri (332489M) u affidavit ta' Raisa Farrugia (361993M) u kopja mhux uffiċjali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ippreseduta mill-Maġistrat Dr C. Stafrace Zammit fil-konfront tal-konvenut.

Ra li permezz tal-istess nota ippreżentata fis-27 ta' Novembru 2018 l-attur spjega li r-riċevuti kollha tal-oġġetti misruqa kienu fil-pussess tal-pulizija peress li kien hemm kumpilazzjoni kontra l-konvenut u li kien fi ħsiebu jħarrek lill-uffiċjal prosekutur u rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati sabiex din l-evidenza

tinġieb quddiem dan l-Onorabbli Tribunal kif ukoll diversi rappreżentanti tal-ħwienet minn fejn kienu nxtraw l-oġġetti misruqa.

Ra li l-atturi spjegaw ukoll li peress li t-Tribunal diversament ippresedut kien iddiferixxa l-kawża għall-provi kollha tal-atturi għal sitt ijiem biss wara l-aħħar seduta, ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jitħarrku x-xhieda msemmija hawn fuq u li kienu wkoll imsemmija fit-talba tal-atturi.

Ra li l-konvenut kien ġie debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ fis-26 ta' Frar 2019 war li t-Tribunal ippresedut mill-ġudikant sottofirmata ordna li jiġi innotifikat bl-atti minkejja li kien deher fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 quddiem it-Tribunal (diversament ippresedut).

Ra li nonostante dan kollu, il-konvenut baqa' ma reġax deher u lanqas ippreżenta risposta.

Ra li l-atturi, permezz ta' nota ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2019 ippreżentaw vera kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (*Il-Pulizija vs. Anthony Cutajar*) fit-8 ta' Jannar 2018 (kumpilazzjoni numru 44/17).

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Ikkunsidra għalhekk li f'din il-kawża, il-konvenut ammetta li ikkommetta dan ir-reat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, deher quddiem dan it-Tribunal fis-6 ta' Novembru 2018 u għalhekk kien imwissi u ġew spjegati lilu d-drittijiet tiegħu iżda baqa' ma ippreżenta ebda risposta. Huwa kien innotifikat bl-Avviż tas-Smigħ u bl-Avviż tat-Talba u xorta baqa' ma ippreżenta xejn.

Ikkunsidra li l-vera kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (*Il-Pulizija vs. Anthony Cutajar*) fit-8 ta' Jannar 2018 (kumpilazzjoni numru 44/17) hija prova biżżejjed li l-konvenut għandu jħallashom tal-oġġetti kollha misruqin minnu u li għalkemm ma ġewx ippreżentati riċevuti, xorta waħda l-konvenut kellu żmien biżżejjed biex jikkontesta din it-talba.

Għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li din it-talba hija ġustifikata independentement mill-kontumaċja.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000.00) bl-imgħax legali mis-6 ta' Novembru 2018 meta ippreżenta ruħu quddiem it-Tribunal li juri li kien jaf bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bl-ispejjeż kollha.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**